Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 785/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Mary Sant**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Mary Sant ta' 53 sena, bint il-mejtin Julian Micallef u Carmela nee' Micallef, imwielda l-Pieta' fil-25 ta' Mejju, 1957 u residenti fil-font: Flt. Nru 13, Blokk 'A', Triq ic-Cikas, Haz-Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita' numru 0380257(M) gie mressqa quddiemha akkuzata talli:

A) Nhar it-3 ta' Mejju 2010, filwaqt li kienet fil-blokk ta' flattijiet li jinsabu fi Blokk 'A', Qasam Bini tal-Gvern, Triq

ic-Cikas, Haz-Zabbar, ghall-habta tas-1.55 ta’ wara nofsinhar, xjentement gharqet jew hassret hwejjeg mobbli jew immobbli, cioe’ hgiega tal-bieb ta’ barra (stained glass) tal-font: Flt. Nru 6, Blokk ‘A’, Triq ic-Cikas, Haz-Zabbar, ghad-dannu ta’ Carmela Magri minn Haz-Zabbar u liema hsara tammonta ghal 160 ewro.

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjat u heddedt lil Carmelo Magri.

C) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndecenti.

D) Nhar it-8 ta’ Ottubru 2008 u fil-gurnata qabel, volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

E) Fl-istess data, hin u lok, bil-hsieb li jtellef jew nnaqqas il-gieh ta’ Carmela Magri wegghaha bi kliem jew b’xi mod iehor.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Awwissu 2010 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2011 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Frar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll il-fatt li hija hallset lill-vittma ghall-hsarat kagunati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325, 339(1)(b), 338(dd), 338(ee) u 251 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti talbet lill-imputata b'obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------